# Rapport Annwali Amministrattiv 2020

Il-parteċipazzjoni tal-kunsillieri waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali tar-Rabat għas-sena 2020.

| Isem u Kunjom | Kariga | Numru ta' Laqgħat | Perċentwali |
|---|---|---|---|
| Sur Alexander Craus | Sindku | 18 minn 19 | 95% |
| Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku | 17 minn 19 | 89% |
| Sur Christopher Farrugia | Kunsillier | 18 minn 19 | 95% |
| Sur Kris Grech | Kunsillier | 16 minn 19 | 84% |
| Sra Doris Coleiro | Kunsillier | 19 minn 19 | 100% |
| Sur Ian Mario Vassallo | Kunsillier | 15 minn 19 | 79% |
| Sur Nazju Cassar | Kunsillier | 15 minn 19 | 79% |
| Sur Rodolph Grima | Kunsillier | 13 minn 19 | 68% |
| Dr Karl Muscat* | Kunsillier | 14 minn 16 | 74% |
| Sur Alan Said* | Kunsillier | 1 minn 3 | 33% |
| Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv | 19 minn 19 | 100% |

Rapporti tal-kunsillieri għas-sena 2020 Nil

**Sotto Kumitati tal-Kunsill**

Sotto Kumitat għall-Immaniġjar u l-Ġestjoni tat-Traffiku

| Isem u Kunjom | Kariga | Numru ta' Laqgħat | Perċentwali |
|---|---|---|---|
| Sur Chris Farrugia | Ċermen | 2 minn 2 | 100% |
| Sur Imħallef Antonio Mizzi | Membru | 0 minn 2 | 0% |
| Sur Joseph Stafrace | Membru | 2 minn 2 | 100% |
| Sur Joseph Azzopardi | Membru | 2 minn 2 | 100% |
| Anthony Bonello | Segretarju | 2 minn 2 | 100% |

Sotto Kumitat Kultura

| Isem u Kunjom | Kariga | Numru ta' Laqgħat | Perċentwali |
|---|---|---|---|
| Sur Rodolf Grima | | 1 minn 1 | 100% |
| Sur Jeffrey Sciberras | | 1 minn 1 | 100% |
| Sur Stephen Bonello | | 1 minn 1 | 100% |
| Sur Anthony Bonello | | 1 minn 1 | 100% |

*Kien hemm riżenja ta' Dr Karl Muscat li mtliet billi l-post kien meħud mis-Sur Alan Said

**Covid 19**



Bħalma jaf kulħadd is-sena 2020 tibqa' magħrufa għall-



Imxija Covid 19. Ħidmet kulħadd kienet tiddependi fuq ir-rapporti tal-Kummissarju tas-Saħħa minn ġimgħa għal ġimgħa u minn ġurnata għall-oħra biex kulħadd jobdi d-direttivi.



Esperjenza bla preċedent li ħakmet lid-dinja kollha kif ukoll lill-xtutna. Dan il-mikrobu żgħir li werwer lil kulħadd u affettwa l-ħajja tan-nies, mhux l-inqas lill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Bħala entità governattiva kellna ninvolvu ruħna mhux biss biex is-siti kollha li namministraw fir-Rabat ikunu mħarsa mill-periklu li ma jidhirx, iżda anke



postijiet ta' utilita' pubblika bħalma huma d-daħliet taċ-Ċentru Ċiviku, l-pjazez li magħhom insibu banek, *bus shelters*, bankijiet, reċipjenti tal-iskart, kaxxi postali, ecc. Għaldaqstant kellna nirrikorru għall-iffumugar b'mod professjonali ta'



postijiet pubbliċi mid-dipartiment tal-Indafa Pubblika. Rajna taqa' fuqna responsabbilità kbira mhux biss fl-andament ta' kif beda jitmexxa l-Kunsill, iżda biex jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji ħalli l-ewwel nett il-ħaddiema jibqgħu jagħtu s-sehem tagħhom anke billi bdew jaħdmu minn darhom stess, u fl-istess ħin xorta waħda bqajna nifthu bħas-soltu l-bibien tagħna ta' kuljum għas-servizz tal-pubbliku. Biex seta' jsir dan, kellna ndaħħlu dawk li jissejħu *Standard of Procedures* ġodda, fosthom l-użu

ta' *lap tops* għall-iskrivani li bdew jaħdmu bihom minn darhom stess għal spiża[i] ta' Eur8,173.23, bdew isiru l-ħlasijiet mingħajr ma jkunu nvoluti l-flus kontanti, laqgħat virtwali flok dawk li kienu jsiru fiżikament fejn kellna wkoll ninvestu f'sistema teknoloġika għal-laqgħat fl-uffiċċju għal spiża[ii] ta' Eur6,835.00 u fuq kollox tqassim ta' ikel lill-familji batuti fil-*lockdown* mill-ħaddiema tal-uffiċċju kif ukoll pinnoli. Għal dan il-għan kellna nikru karozza tal-kiri li wasslitna biex żidna l-ispejjeż bi Eur3,540.00 matul l-2020, mingħajr l-ispejjeż tal-*fuel.* Kellna esperjenzi koroh ukoll meta l-istaff kollu kien *f'lock down* meta l-Covid 19 sfortunatament messet lil wieħed minnha kif kien il-pubbliku wkoll avżat pubblikament. Għaldaqstant mexxejna b'għaqal kbir u konna prudenti ħafna biex il-pubbliku jibqa' jinqeda' b'mod li jissodisfa l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-saħħa. Ovjament kellna wkoll niffumugaw l-uffiċini[iii] għal spiża ta' Eur200.00 u ninvestu f'perpex fuq il-counters tal-impjegati għal spiża ta' [iv] Eur650.00

Avveniment importanti kien dak li ġie organizzat mill-għaqda responsabbli mill-*Vehicle Hill Climbs* fl-Imtaħleb li talbu l-permessi tal-Kunsill u wkoll minn għaqda oħra li tipprattika iz-*zip line* fl-istess sit. Il-Kunsill kien moralment konvint wara laqgħa li seħħet fl-uffiċċju tagħhna biex qabel ma jingħata l-permess il-kundizzjonijiet kollha imposta fuqhom, ikunu fil-verita' attwati; it-teħid tat-temperatura tad-deni, *contact tracing u sanitizer.*

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ħass li kellu jagħti s-sehem tiegħu biex l-istudenti tagħna jkunu jistgħu jidħlu lura fuq il-bankijiet tal-iskola wara xhur ta' inċertezza matul is-Sajf li għadda. Infatti tajna dak kollu li kienu jinħtieġu l-għalliema, l-kapijiet tal-iskejjel u ċ-ċertezza lill-ġenituri biex f'Settembru 2020 setgħu jinfetħu l-iskejjel. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ħejja maskla personalizzata mhux biss lill-istaff





tal-iskejjel tal-istat iżda wkoll lill-istudenti. Din il-miżura swiet lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Eur5,880.


KUNSILL LOKALI RABAT.

HARĠIET TAL-ANZJANI Jannar – Marzu 2020

L-Erbgħa 15-1-20 Coffee Morning
Alexandra Palace Hotel – Paceville
Tluq 8.45am – Lura 12.30pm
Prezz Anzjani €5.00
Prezz oħrajn €5.50

L-Erbgħa 12-2-20 Coffee Morning
Qawra Palace Hotel – Il-Qawra
Tluq 8.45am – Lura 12.30pm
Prezz Anzjani €5.00
Prezz oħrajn €5.50

L-Erbgħa 11-3-20 Coffee Morning
Ta' Fra Ben – Il-Qawra
Tluq 8.45am – Lura 12.30pm
Prezz Anzjani €5.00
Prezz oħrajn €5.50

Bħalma għidna fil-bidu, qatt ma webbisna rasna u serraħna moħħ l-aktar vulnerabbli billi kellhom jingħalqu l-bibien għall-anzjani – cioe' id-Day Centre. Il-programm ta' attivitajiet għal dawn l-anzjani, li kien ilu mħejji xhur sħaħ kellu jieqaf ħesrem biex inħarsu s-saħħa tan-nanniet, ommijiet u ħutna. Bħalma wara kollox sar fid-djar tal-Anzjani ma' Malta kollha.



Il-laqgħat tal-Kunsill Lokali tar-Rabat bdew iseħħu wkoll on-line bħal bosta laqgħat oħra governattivi. Hawn il-Kunsill ħass li kellu jinvesti f'apparat biex ikun jista' jsegwi aħjar dak li jkun qed jiġi diskuss kemm fl-uffiċċju kif ukoll on-line. Dan l-investiment li se nġorruh lura magħna mill-uffiċini temporanji ta' Triq Inguanez għal dawk ta' Triq l-Isptar, meta jintemm ir-*refurbishment* tal-uffiċini permanenti tal-Kunsill.

**Xogħlijiet**

Miżura 4.3

**Ta' Koronja**

Bla dubju ftuħ is-sena 2020 kien wieħed b'investiment kbir f'dawk li huma toroq. Ix-xogħol fuq Miżura 4.3 tal-Unjoni Ewropeja ġiet fi tmiema fl-inħawi Ta' Koronja. Il-kuntrattur tal-Kunsill ta l-qatran wara tindif intensiv li sar u għoti tal-konkos biex insaħħu l-pedamenti tat-triq u tal-wied Ta' Koronja u ma jibqax nieżel il-qatran mal-ilma tan-nixxiegħa li tibqa' taħleb





saħansitra fis-Sajf. Hawn tinsab ukoll *bore-hole* tal-ilma tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Ix-xogħol ta' tindif kien jinkludi qtugħ sostanzjali ta' pal tal-bajtar li xxabbat għal fuq it-triq tant, illi l-istess makkinarju tal-qatran ma setgħax jopera. Din il-ħidma ntemmet b'suċċess u kienet apprezzata ferm mill-bdiewa f'dawn l-inħawi rurali li sarilhom investiment massiċċ mill-Kunsill bil-għan ewlieni li nsaħħu l-aċċessi speċjalment fil-widien biex min jaqla' l-ġurnata mill-uċuħ agrikuli ma jkomplix ibati u fuq kollox jitgawda l-ambjent minn kull min imur iżur dawn l-inħawi pittoreski Ta' Koronja speċjalment fix-xitwa. Il-kont għal dan ix-xogħol jammonta għal Eur184,460.00[v]





Aktar tard fis-Sajf 2020 il-programm kien estiż għall-inħawi pittoreski tal-Imtaħleb, dejjem wara li ġie mgħoddi d-drenaġġ għall-ewwel darba fl-istess zona. Dan ifisser li numru sostanzjali ta' bdiewa li kienu jiddependu mill-fossa, issa kienu kkonnettjati mal-grid tal-gvern u t-triq tiġi asfaltata mill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Dan ma kienx eżerċizzju faċli għaliex ix-xogħol dam ma ntemm minħabba s-sejba ta' pont ta' żmien l-Ingliżi li kien skopert taħt it-triq fil-Fiddien. Intant, fil-Fiddien naddafna l-culvert li spiss jimtela' tafal, ġebel u ħaxix biex ma nħallux l-ilma li jkun nieżel minn Għajn Qajjet



joħroġ għat-triq fin-niżla u jinħoloq periklu bla bżonn u nnaqqsu l-aċċidenti li spiss jiġru f'dawn l-inħawi ta' tarf il-Wied tal-Qlejgħa.

Lura għax-xogħlijiet fl-Imtaħleb, il-kisi bit-tarmak mill-Kunsill fl-Imtaħleb jammonta għal Eur1,029,950.00[vi]

**Ġnien Quddiem il-Knisja ta' San Duminku**



Xogħlijiet ta' tisbieħ saru matul is-sena 2020 fil-ġnien tant fiċ-ċentru - quddiem il-Knisja ta' San Duminku. Dan il-ġnien



saritlu manutenzjoni tal-konok tiegħu li spissaw ġarrbu ħsarat anke mis-siġar maturi u li issa tellgħu l-għeruq tagħhom biex ċaqilqu mhux biss il-madum iżda wkoll strutturi aktar riġidi bħall-kurduni tal-bankini.

**Fanali Ġodda**





Bħalma jafu bosta Rabtin li segwew il-ħidma tal-Kunsill ħafna minnhom minn djarhom stess fuq il-mezzi soċjali, investejna[vii] Eur815,189.00 biex insebbħu r-Rabat b'fanali antiki addattati għat-toroq



dojoq taċ-ċentru urban. Dawn il-fanali li twaħħlu mal-faċċati tad-djar flok oħrajn li kienu ilhom li għamlu żmienhom sew, intlaqgħu tajjeb u fuq kollox qed jaħlu frazzjon tal-enerġija ta' dawk l-antiki, minħabba li huma LEDs,



jagħtu d-dawl 'l isfel, allura ma jniġġsux l-ambjent u fuq kollox ma jsaddux. Fanali oħrajn simili twaħħlu mal-Pjazza tal-Bażilika ta' San Pawl. Dawn il-fanali jinsabu fuq arbli dekorattivi li jmur ferm mal-arkitettura tal-Knisja ta' San Pawl. Fuq iz-zuntier kienu jeżistu żewġ fanali kbar ħafna li kienu qed ixaqqu l-istrutturi tal-ġebel għaliex dawn kienu ankrati magħhom. Dawn inqalgħu minn posthom u minħabba l-valur storiku tagħhom rajna li kellhom jiġu restawrati bl-aktar mod professjonali. Sal-aħħar tas-sena 2020 kienu għadhom ma twaħħlux lura, pero' ħafna mix-xogħol li kellu jsir fuq il-metall, tlesta' u ninsabu ċerti li mal-ftuħ tas-sena 2021, se jitwaħħlu f'posthom.

**Kuntratt ġdid tal-Knis tat-Toroq u xiri ta' makkinarju tal-ħasil tat-toroq**



Wara li kienu kkunsidrati diversi lmenti fir-Rabat matul



dawn l-aħħar xhur u snin, rajna illi kellna ninvestu fl-indafa. Wiegħda li kienet tispikka fil-manifesti

elettorali tal-partiti politiċi qabel l-elezzjoni tal-2019. Għaldaqstant il-kuntratt il-ġdid għall-ewwel darba ħareġ bi speċifikazzjonijiet aktar ambizzjużi f'dik li hija indafa. Żidna l-kenniesa, ir-rotot, it-tulijiet ta' toroq speċjalment biex inkludejna l-bosta toroq ġodda li saru fil-Baħrija, li qabel ma kienux jinkinsu, iżda llum din il-komunità kibret tant li ma stajniex inħalluhom barra mill-programm tal-knis. Fuq kollox evalwajna l-postijiet fir-Rabat li huma aktar frekwentati fejn hemm il-banek, ħwienet, rotot turistiċi biex nilqgħu għall-eluf kbar ta' turisti li jidħlu jżuru l-Imdina u li l-ewwel art tagħhom bla dubju hu ir-Rabat. Rotot bħal dawk li jgħaqqdu l-Katakombi ta' San Pawl, ma dawk ta' San Katald, Wesgħet il-Mużew u l-parkeġġ, kienu mogħtija prijorita' saħansitra billi jkunu miknusa anke s-Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu. Dan il-kuntratt qed jiswa lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Eur19,125 fix-xahar, jiġifieri Eur229,500 fis-sena. Inxtara wkoll mill-Kunsill, *High Power Washer* biex jinħaslu l-isqaqien għal Eur990.00

**Refurbishment tal-latrina ta' Triq il-Kulleġġ**



Wara li fl-2019 il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien għamel refurbishment fuq il-latrina ta' Triq Santa Rita, din is-sena kien imiss dik ta' Triq il-Kulleġġ. Ħadna l-opportunità u bdejna dawn ix-xogħlijiet meta d-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa iddettaw illi l-latrini pubbliċi jibqgħu magħluqin minħabba l-pandemija. Għaldaqstant ma tlifna l-ebda' ġurnata biex f'dan is-sit inqala' kollox anke saħansitra l-pajpijiet u l-madum u reġa' kien mgħoddi l-*plumbing*, l-elettriku, d-drenaġġ u fuq kollox inbidel parti mil-parapett li qabel kien tali illi jinħbew warajh xi wħud li riedu jagħmlu l-vandaliżmu. Infatti, bħala deterrent, waħħalna *cctv*



*cameras* biex innaqqsu l-ħela minn viti tal-ilma jagħtu għal xejn, dwal jibqgħu mixgħula lejl u nhar, u fl-istess ħin biex il-*consumables* bħal sanitizer, toilet paper u s-sapun li kienu jinsterqu spiss ikunu mrażżna. Issa għandna post li tieħu gost tmur fih għax nadif u miżmum tajjeb. L-aħħar nota dwar dan il-proġett tittratta lil min issa qed jieħu ħsiebha. Dan hu persuna bi bżonnijiet partikulari li permezz tad-dinjita' tax-xogħol ingħata opportunità biex ikun integrat mill-ġdid fis-soċjetà. Ix-xogħlijiet ta' refurbishment swew[viii] Eur35,360.00 fil-waqt li dan il-persuna qed jitħallas Eur1,300 fix-xahar.

**Ħidma fil-ġonna pubbliċi u s-soft areas**



Bħalma ġara fil-kuntratt tal-knis tat-toroq, ridna intejbu dak taż-żamma tal-ġonna pubbliċi u s-*soft areas*. Fir-Rabat insibu diversi postijiet li jkun jinħtiġilhom attenzjoni partikulari. Mhux biss fil-ġonna pubbliċi bħalma huma dawk ta' Għar Barka, Bir Iljun, Għajn Qajjet, il-Pjazza tal-Baħrija, quddiem il-Knisja ta' San Duminku ecc, iżda wkoll faxex oħra mportanti li jinsabu fil-qalba tar-Rabat li jkun jinħtiġilhom manutenzjoni. L-ewwel problema kienet iż-żabra tas-siġar li kienu ilhom ma jinżabru snin twal. Fost l-insistenza tal-pubbliku kien hemm dawk ta' Għajn Qajjet fin-niżla lejn il-Fiddien. Dawn is-siġar maturi taż-żnuber tant kienu kibru illi kienu qed jagħmlu ħsara fil-*wires* tad-dawl speċjalment meta jkun ir-riħ qawwi. Għaldaqstant dan il-kuntratt kellu joħroġ għall-offerta pubblika f'erba' 'lots'. Id-differenza fir-Rabat speċjalment fl-inħawi tal-Pjazza tal-Parroċċa tinħass u konna mfaħħra għar-ruħ li tajna l-inħawi pubbliċi urbani – kif issebbħu bi xtieli tal-istaġun. Bħalma jista' jara kulħadd, il-programm kien li jitħawwlu aktar siġar fejn hemm bżonn. Il-kuntratt il-ġdid ingħata għal Eur42,850.00 fis-sena u fl-aħħar tal-2020 intefqu [ix]Eur8,870 biex inżabru s-siġar tal-Kunċizzjoni b'mod addizzjonali.

**Rivista tal-Kunsill Ħarġa 11**




Żammejna kuntatt man-nies mhux biss bil-mezzi moderni tas-social media, iżda anke b'materjal stampat. Din ir-rivista kienet waħda volumuża li tat deskrizzjoni eżatta ta' dak kollu li qed isir fir-Rabat. Il-mod tradizzjonali ħafna drabi hu dak li jibqa' u ma xtaqniex naqtgħu din it-tradizzjoni li mqar darba fis-sena inqassmu fid-djar din ir-rivista tant imfittxija speċjalment mir-residenti tagħna. Dan sewa lill-Kunsil Eur??? ?

**Xogħlijiet fil-Baħrija**



F'dan is-sit, saru żewġ affarijiet importanti. L-ewwel nett għamilna *refurbishment* sħiħ fuq l-uniku bandli li hemm fil-Baħrija. Dan jinsab fi spazju miftuħ sew u mingħajr dubju hu popolari mal-bosta familji bi tfal żgħar li daħlu joqgħodu hemm riċentement u b'rata allarmanti. Ir-refurbishment kien jikkonsisti fi bdil ta' bankijiet, reċipjenti tal-iskart, logħob tat-tfal u tapiti tal-lastiku li jinsabu taħt l-istess logħob. Dawn ix-xogħlijiet swew ˣEur9,085.00



Għal xi wħud jidhru affarijiet trivjali, iżda f'din l-istess pjazza kien hemm problema f'dik li hija dixxiplina fit-traffiku u l-parkeġġ. Kulħadd jaqsam minn fejn irid u jgħaddi 'l fejn jixtieq minn fejn ifettillu. Għaldaqstant ressaqna proposta lill-Transport Malta u serraħna moħħna minn maniġġjar tat-traffiku b'tali mod illi l-parkeġġ ġibnih round-about fl-istess Pjazza tal-Baħrija fejn jiltaqgħu mill-inqas erba' toroq ewlenin: Triq is-Sajf ta' San Martin, Trejqet it-Tin, Triq tan-Nigra u Triq Raddet ir-Roti.





**Xogħlijiet ta' ċnut u ħitan tas-sejjiegħ**

Aktar kmieni semmejna illi fi Triq Santa Rita jinsabu diversi postijiet fejn hemm il-ħamrija u fihom hemm xtieli u siġar. Dawn il-postijiet huma mdawwrin bi ċnut u ma kienx jonqos illi dawn jiġu rranġati minħabba li kienu milqutin minn vetturi tqal fi triq daqshekk passaġġa. Ħadna ħsieb li f'xi mkejjen ikunu rtirati 'l ġewwa biex ikun hemm bankina fejn bosta nies ikunu jridu jimxu speċjalment nhar ta' Ħadd filgħodu meta f'din it-triq jarma l-monti. Xogħlijiet oħra li saru fuq ħitan tas-sejjiegħ kienu f'Tal-Virtu'. Hawnhekk, fuq il-promenade stajna biss intellgħu ħitan tas-sejjiegħ biex l-ambjent ma jitgħarraqx u jkun il-post fejn bosta Rabtin speċjalment fis-Sajf jiġu ftit għal frisk jittawwlu fuq Malta, li ġġibha taħtek bħal f'kartolina.

**Xogħlijiet ta' Refurbishment fl-Uffiċċju Muniċipali**



Dawn ix-xogħlijiet għadhom ma bdewx. Bħalma jaf kulħadd ma stajniex nibqgħu naħdmu minn dan is-sit. Ħriġna Expression of Interest biex noħorġu temporanjament minn Triq l-Isptar u fl-eqqel tal-Pandemija okkupajna żewġ maisonettes u garage fi Triq Inguanez. Ħriġna l-offerta pubblika għax-xogħlijiet ta' Triq l-Isptar. Għaddejna minn ħafna taqtiegħ il-qalb minħabba li ma ridniex ngħarrqu l-post li hu tant storiku u li s'issa kien inaċċessibbli minn ħafna Rabtin. Ridna illi permezz tal-lift li se jkun integrat fil-binja, nużaw il-kmamar



kollha fis-sulari ta' fuq. Fi tmiem is-sena kellna biss l-evalwazzjoni ta' bosta offerenti li jibdew minn Eur??? u jitilgħu sa Eur??? Fuq nota pożittiva rridu niddikjaraw illi l-kontijiet tal-bank tal-Kunsill fl-aħħar tas-sena kellhom deferreed income ta' Eur200,000.00 li ingħatajna fi grant permezz ta' line item fil-budget nazzjonali biex intaffu minn dawn l-ispejjeż li m'humiex ftit li dħalna għalihom permezz ta' dawn ix-xogħlijiet li fuq kollox jinkludu l-bini ta' lift għall-passiġġieri biex il-binja tal-Kunsill tkun aċċessibbli minn persuni bi bżonnijiet speċjali u l-anzjani. Fuq kollox se jibdew jintużaw għall-ewwel darba kmamar fis-sular ta' fuq biex nilħqu mal-ħtiġijiet tar-Rabtin.



**Xogħlijiet mill-Gvern Ċentrali**

**Kisi mill-ġdid bit-tarmak ta' Triq Santa Rosa u Triq Inguanez**



Xogħlijiet importanti minn Infrastruttura Malta li seħħew fl-2020 kienu fuq bosta toroq urbani u rurali. Fosthom insibu dawk fil-qalba tar-Rabat, jiġifieri fi Triq Santa Rosa u Triq Inguanez. Hawn ix-xogħlijiet kienu jinvolvu l-qlugħ tal-bankini, il-bdil tal-medda tal-ilma tad-djar u t-tarmak. Biex il-kuntrattur ma jħallix lil bosta familja mingħajr ilma u fl-istess ħin b'gandott kbir miftuħ quddiem ir-residenza tagħhom, ix-xogħol inqabad f'biċċiet żgħar li kienu miftuħa u magħluqa bil-lean mix u lesti għall-qatran. B'hekk ix-xogħol seta jsir b'kawtela kbira minħabba d-diversi kantini tar-residenti li jestendu saħansitra għal taħt l-istess bankini bi spralli li tgħaddi l-arja minnhom.

**Triq Gorg Borg Olivier u Triq ta' Saura**




Wieħed mill-proġetti l-kbar li qabad il-Gvern Ċentrali permezz ta' Infrastruttura Malta, kien dak ta' Triq Gorg Borg Olivier. Din it-triq inqalgħet mil-qiegħ u kienu mgħoddija mill-ġdid il-mejnijiet tal-ilma. Bħal Triq Santa Rosa u Triq Inguanez saru l-bankini kollha mill-ġdid b'reqqa kbira minħabba l-bosta spralli tad-djar li jestendu għal taħt l-istess bankini biex jieħdu l-arja minnhom.

Avveniment importanti seħħ fit-28 ta' Mejju 2020 hekk kif ix-xogħol f'dawn it-toroq kien tlesta. Viċin id-dar ta' Saura it-triq ċediet wara xita qawwijja li għawwret minn taħt is-sodda tat-triq. Il-Kunsill sar jaf b'dan kollu minn bidwi li ġie javżana illi se taqa' l-aħħar it-triq għal isfel. Hawn kellna nagħlqu t-triq u Infrastruttura Malta wettqet xogħol ta' taħwil ta' piles f'din it-triq biex tissaħħaħ u għaldaqstant Triq Gorg Borg Olivier kellha terġa' tingħalaq mill-ġdid għal darba oħra. Ix-xogħol sal-aħħar tas-sena 2020 kien għadu ma ntemmx għaliex il-wiċċ tat-triq għadu s'issa bil-konkos li għar irid jinqala' biex jingħata t-tarmak wara li terġa' tinfetaħ Triq Għeriexem.

**Triq Għeriexem**



Wara d-debutt tal-Kunsill biex l-Awtorita' tal-Ippjanar tapprova dan il-proġett, tant bżonjuż, il-Kunsill għażel illi jsir il-promenade mill-Gvern Ċentrali. Ix-xogħol għadu għaddej sa tmiem is-sena 2020 bit-triq magħluqa fuq naħa waħda.

Hawnhekk ix-xogħlijiet fit-tafal kienu wkoll jesiġu illi jitħawwlu l-piles biex isaħħu mhux biss l-istruttura tat-triq iżda wkoll il-bini li hemm jiżżerżaq għal isfel.

**Triq ta' Fommi ir-Riħ, l-inħawi tar-Rużarju (bejn it-Tarġa u Ħofret ir-Rizz), Triq Lawrenti, Triq il-Lunzjata, Triq in-Nigret u t-Telgħa tal-Virtù**



Il-kisi ta' toroq fil-kampanja mill-Gvern Ċentrali issokta matul is-sena kollha. L-ewwel li saret kienet it-Telgħa tal-Virtù li minn Triq it-Tiġrija (Tal-Isqof) tieħdok għall-Palazz. Din ingħatat il-konkos għaliex għal darba oħra tinsab mibnija fuq it-tafal. Triq simili tagħha li nbniet ukoll bil-konkos hija dik tar-Rużarju li tieħdok minn Triq il-Ġarġar għat-Tarġa lejn Ħofret ir-Rizz. Bla dubji kien apprezzat ferm ix-xogħol mill-Karmelitani tal-Imdina fit-Triq il-Lunzjata li twassal lejn il-Kappella li ġġib l-istess isem u l-kunvent tagħhom.



Fuq insistenza tal-Kumitat tal-Ġestjoni tat-Traffiku, ingħatat it-tarmak triq oħra li ddaħħlek lejn ir-Rabat mingħajr il-bżonn li titla' t-Telgħa tas-Saqqajja. Din hija Triq Lawrenti. Triq li minn Triq it-Tiġrija tieħdok lejn il-Kastell tal-Buskett. Biex inkunu ġusti irridu ngħidu illi x-xogħlijiet ma tlewstewx għal kollox minħabba li qed jiġi mgħoddi l-mejn tal-ilma, iżda sal-aħħar tas-sena tjiebet ferm parti sostanzjali minn din it-triq li kienet diżastruża.

Irridu nirrappurtaw meded kbar ta' tarmak li tpoġġew fit-triq li mill-Baħrija tieħdok Fomm ir-Riħ. Dawn saru minn Infrastruttura Malta. Min-naħa tagħna ikkolloborajna billi tajna ħafna konkos fl-entraturi l-ġodda tal-passaġġi għall-għelieqi tal-bdiewa li għolew 'il fuq minħabba l-mili tat-triq u li kienu ġew inaċċessibbli. Il-Kunsill issa jista' jgawdi minn aċċess tajjeb għall-bdiewa.

**Tindif u Rikostruzzjoni ta' gandotti tal-ilma tax-xita**




Ħafna drabi mhux dak li għandek biss jgħodd, iżda kif iżżomm dak li għandek. L-istat ta' telqa mhux biss iġib problemi iżda fl-infrastruttura dan hu determinanti biex l-ewwel nett ma jseħħux aċċidenti bla bżonn u fl-istess ħin innaqqsu mill-inkonvenjent. Dan jgħodd għall-gandotti li għandna għal meded twal mirdumin taħt it-toroq jew kostruwiti b'tali mod illi l-ilma jgħaddi minnhom mingħajr ma jagħmel ħsara. L-ilma li qed nirreferu għalih hu dak meta tagħmel maltempata u x-xita tinżel f'daqqa waħda – kif ngħidu jinfetħu bibien is-Sema. Diversi postijiet li huma baxxi dejjem kienu jgħerqu u jibqgħu il-postijiet l-aktar sussettibbli. Oħrajn li huma pjuttost ċatti, l-ilma jbati biex jiskula minnhom. Żewġ eżempji ta' dawn huma Vjal il-Ħaddiem u l-inħawi ta' Triq il-Konti Ruġġieru rispettivament. Fl-ewwel stanza għandek kanal kostruwit 'il barra mit-triq li jekk jistadd jgħerreq l-għelieqi għaliex din hija green area, u aktar 'l isfel l-ilma ġieli għolla l-gradi u t-tappieri tad-drenaġġ bil-konsegwenzi koroh li wieħed jista' jimmaġina u fit-tieni każ, l-ilma jgħerreq il-kantini taħt id-djar li kif diġa' ktibna aktar 'il fuq għandhom l-ispralli għall-arja fuq l-istess bankini. Għaldaqstant imbarkajna fuq programm fejn kienu mnaddfa u mantenuti l-gandotti kollha tal-ilma tax-xita. Lejn l-inħawi ta' Għajn Qajjet sibna saħansitra diversi ħsarat fihom u kienu miżdudin bl-iskart li jġorru ħalel ta' widien li jaqgħu saħansitra mit-triq ta' Ħad Dingli lejn il-Wied tal-Qlejgħa.



**Tfiegħ ta' Skart fil-Kampanja (fly tipping)**





Kampanja meravilja u problema kbira ta' tfiegħ tal-iskart. Hekk ħafna jiddiskrivuha anke fuq l-istess social media. Hu verament arukaża fid-dinja tal-llum fis-sena 2020 fejn għad fadal dawn l-ingrati. Aktar ma jgħollu t-tariffi biex skart tal-kostruzzjoni jiddaħħal fil-barrieri, aktar qed insibu min qed jabbuża. Iżda l-iskantament tal-Kunsill jiżdied meta nsibu wkoll appliances, għamara u saqqijiet mitfugħa fil-kampanja. Dan għaliex kull Kunsill f'Malta u Għawdex għandu s-servizz li hu mingħajr ħlas tal-ġbir tal-iskart goff mid-djar. U dan l-iskart propju ikun ġej mid-djar. Sadanittant, il-Kunsill qed jaħlli ħafna ħin, jara filmati, jirrapporta u jnaddaf. Dan l-iskart meta speċjalment ikun mitluq saħansitra fuq il-blat ikun irid jitnaddaf litteralment bl-idejn għaliex ikun hemm il-biża' li bil-makkinarju nagħmlu aktar ħsara milli ġid. Minn hawn irridu ngħidu grazzi lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika li mhux l-ewwel darba għen lill-Kunsill inaddaf diversi postijiet fil-kampanja speċjalment fl-Imtaħleb, Tal-Virtu, Tal-Isqof u ħafna siti oħra li huma wkoll attrazzjoni turistika.



**Proġett taz-Zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl**

Passaġġ mogħni bi storja kbira u li hu ta' attrazzjoni turistika



hu l-istess zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl. Dan



iwassal mill-Pjazza tal-Parroċċa sa Triq il-Kbira u Triq Cosmana Navarra li hija wkoll pedonali. Dan il-passaġġ hu uniku għaliex imiss mat-tarf tal-Uffiċċju Parrokkjali li l-bieb ewlieni tiegħu jinsab fi Triq il-Kbira u hemm fuq kollox l-imħażen tas-Soċjeta' San Pawl u fuq kollox id-daħla tal-Knisja Parrokkjali u l-Kennierja. Il-paviment tiegħu kien fi stat tal-biki. Il-Gvern Ċentrali ħaseb illi permezz ta' Infrastruttura Malta, jagħti dehra ġdida lil dan il-passaġġ storiku li min jaf kemm terrqu minnu qassisin, kanonċi, abbatini u saħansitra Rabtin biex 'iqassru' t-triq u jevitaw ftit traffiku minn Triq il-Kbira. Fuq kollox dan jinsab mhux biss fiċ-ċentru storiku iżda fil-qalba tal-istabbilimenti tal-kummerċ fir-Rabat. Nirringrazzjaw lill-Infrastruttura Malta li fehmet illi anke dan il-passaġġ privat għandu valur kbir għall-komunità Rabtija.

**Tindif u xogħlijet fil-Wied tal-Qlejgħa**



Photo: DOI - Pierre Sammut

Wara tant studju fejn kien involut ukoll il-Kunsill Lokali tar-Rabat, kien determinat illi fil-Wied tal-Qlejgħa hemm ammonti kbar ta' debris (silt) li nġemgħa fih matul is-snin. Dan id-debris hu kaġunat minn ħalel ta' ilma tax-xita fit-toroq u fl-għelieqi li jkaxkar ammonti kbar ta' ħamrija,



Photo: DOI - Pierre Sammut

ġebel u żrar bil-qawwa tiegħu għall-aktar postijiet baxxi – bħall-widien. Fosthom Wied il-Qlejgħa. Dawn l-ammonti jvarjaw kull sena skont kemm tkun għamlet xita u kemm din tkun bis-saħħa. L-istudji kien neċessarji sabiex kien determinat illi ma' dak kollu li tkaxkar għall-iskontri tal-wied, kien hemm ħlejqa aljena bl-isem ta' cray fish, li m'hu xejn ħlief gamblu li sab ruħu hemmhekk li ma kellux predatur. Dan kattar kemm felaħ u ħalla l-flora u l-fauna f'xifer ta' kollass għaliex kiel il-bajd kollu tal-imrieżep u lanqas żrinġ wieħed ma kien għadu jidher f'wied bħal dan. Il-biża kienet illi dan is-'silt' jintefa f'xi għalqa ta' xi bidwi viċin u malajr jerġa' jsib ruħu fl-istess wied u

nerġgħu nirrepetu ċ-ċirku. Intant ix-xogħlijiet kienu jikkonsistu f'bini mill-ġdid ta' ħitan, pontijiet, tisħiħ tas-sisien, tindif u li jinqatgħu is-siġar kollha aljeni għall-post li fih preġju u xenarju mill-aqwa. Dan ix-xogħol għamlitu kollu Infrastruttura Malta.

**Skedar ta' propjetajiet fuq is-Saqqajja u ta' San Mikiel tas-Sanċier**



Council to fight 'tooth and nail' against Rabat project

MATTHEW XUEREB

'Let us not repeat the mistakes done in Sliema'

Illum l-iżvilupp urban hu minnu nnifsu sfida għal kulħadd. Speċjalment għal-awtoritajiet, fuq quddiem nett, il-Kunsilli Lokali. Dak tar-Rabat mhux eċċezzjoni. Infatti, matul din is-sena sirna nafu illi kien se jkun hemm żvilupp fuq dar antika fuq is-Saqqajja li twassal min-naħa ta' wara għal Vjal Santu Wistin. Liema żvilupp kien se jippermetti l-bini għoli b'aktar sulari biex tkun vijabbli lukanda. Dan fl-isfond illi l-lukanda tal-Verdala nafu li se titwaqqa' u tinbena mill-ġdid. Din il-proposta boutique hotel fuq is-Saqqajja ġiegħlet lill-Kunsill jirrifletti bi sħiħ għaliex kien se jkun preċedent kbir li bih kienet se tkun rovinata prattikament id-dħulijiet tar-Rabat, l-Imdina u wkoll ta' Ħad Dingli, l-Imtarfa, l-Baħrija, l-Imtaħleb ecc. L-awtoritajiet laqgħu l-appelli tal-Kunsill Lokali tar-Rabat biex din id-dar ma titwaqqax u fuq kollox ma togħliex aktar 'il fuq b'sulari żejda li bla dubju kienu se jkerrħu l-isky line tar-Rabat u jirrovinaw id-djar sbieħ ta' biswit. Aktar tard matul is-sena, l-Awtorita' tal-Ippjanar skedat il-kappella ta' San Mikiel tas-Sanċier biex tagħtiha livelli ogħla ta' protezzjoni lill-kappella medjevali stupenda li tinsab fil-konfini tagħna fi Ġnien is-Sultan, ir-Rabat.




**It-tħaddim mill-ġdid tal-kaskata fil-Pjazza tal-Parroċċa.**

Wara li għal xi raġuni l-Korporazzjoni Enemalta kienet qalgħet il-metre tal-elettriku miċ-Ċentru Ċiviku tar-Rabat, il-Kunsill ma setgħax jopera aktar l-istess kaskata li ddawwar ballun kbir tal-irħam fl-istess pjazza. B'hekk nistgħu ngħidu illi l-pjazza baqgħet mingħajr ħajja għal snin sħaħ. Il-Kunsill kellu jitħabat mhux ftit biex nerġgħu inwaħħlu arloġġ tal-elettriku bil-ħsieb li wkoll jerġa' jopera l-lift għall-istess ċentru ċiviku. Infatti kien wara xhur sħaħ li dan l-arloġġ installa ruħu u saret il-manutenzjoni fuq il-pompi tal-ilma biex il-Pjazza tal-Parroċċa reġgħet ħadet il-ħajja u gawduta minn bosta ndividwi li jitilgħu jixtru miċ-ċentru jew jinqdew minn xi servizz eżattament quddiem bosta ħwienet tat-te, il-posta, l-għassa, l-librerija ecc.

**Għeriexem**



Dwar dan is-sit kien hemm żewġ kontroversji. Din tal-promenade proposta minn Infrastruttura Malta, kif ukoll l-iżvilupp propost f'nofs il-wied bil-bini ta' kmamar, stalel, swimming pools ecc. Il-pożizzjoni tal-Kunsill kienet waħda 'il bogħod mill-egoiżmu tal-bqija u dik li xxaqleb lejn is-sens komun. Triq Għeriexem kulħadd jaf kif kienet iċċedi fuq it-tafal bil-binjiet b'kollox u għalhekk fil-laqgħat li kellna dwar dan il-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar żammejna iebes biex il-ftit siġar tat-tin ma jwaqqfux proġett li kien fejjiedi biex il-pubbliku jkollu bankina fejn jimxi u promenade minn fejn ikun jista' jgawdi veduti spettakolari tal-Imtarfa u fl-istess ħin kontra li jibqa' jinbena l-wied biex ma jkunx hemm preċedent u dawk li jiġu warajna jgħidu li ħallejna li r-Rabat jagħqad mal-Imtarfa bil-bini. Fejn kien wied, ilma hu mistenni li jkun hemm fih u mhux żvilupp massiċċ li bla mistħija kien propost u jkunu jridu jkunu l-awtoritajiet biex jiddefendu l-ambjent bi studji li jkunu saru għad-detriment tal-fondi limitati tagħhom li setgħu kienu investiti fl-istess abitat naturali kif ħalqu l-Ħallieq. Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Lokali tar-Rabat inżammet ma' wieħed minn dawn l-iżviluppaturi fit-22 ta' Settembru 2020 u s-Segretarju Eżekuttiv ħejja l-minuti tagħha għall-okkorrenza.

## Ġnien Għar Barka

Xogħlijiet intensivi mill-Gvern Ċentrali qed isiru fuq Ġnien Għar Barka. Post li tħalla mingħajr




manutenzjoni tant illi kien hemm telqa kbira fih. Dan il-ġnien kien irranġat wara li ġie maqlugħ mill-qiegħ u sar mill-ġdid. L-istruttura inbidlet billi ġie aċċessibbli b'rampi għall-persuni b'diżabilità, dwal ġodda, logħob tat-tfal, bankijiet, reċipjenti tal-iskart, cctv cameras u diversi amenitajiet oħra fosthom wi-fi. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Ministeru għat-Trasport li wassal sal-aħħar dan ix-xogħol bil-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet saħajnsitra bil-perit b'kollox li konna magħhom dejjem f'kuntatt speċjalment meta kellhom jiċċaqilqu xi siġar taż-żebbuġ maturi li biex salvajnihom kellna ninvestu f'tisqija bil-bowser matul is-Sajf 2020.

## European Mobility Week



Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ingħaqad ma' dak tal-Imdina biex applika għall-European Mobility Week bl-iskop li jikseb fondi biex tinstab soluzzjoni għall-mobilità fil-belt tal-Imdina u r-Rabat. Din l-applikazzjoni intlaqgħet tajjeb u l-proposta li jinxtraw żewġ vetturi li jaħdmu bl-elettriku sabet appoġġ minn Transport Malta. Dan intqal waqt konferenza stampa li nżammet propju fil-Pjazza tal-Parroċċa bl-isfond tal-Bażilika ta' San Pawl li ħafna drabi l-aċċess għall-inħawi hu impossibbli għax teżisti problema kbira ta' parkeġġ. L-iskop ta' dan kollu hu illi wieħed isib jipparkja per eżempju Għajn Qajjet/Nigret u jkun hemm pick up b'vetturi li jaħdmu bil-batterija biex iwasslek għaċ-Ċentru Ċiviku u tinqeda per eżempju mill-Għassa tal-Pulizija, Librerija, Posta, Poliklinika, xiri u qadjiet, quddies, xi ikla f'ristorant eċċ. Dan hu ġest nobbli għal bosta li jgħixu 'il barra mir-Rabat li se jkunu qed jiffrankaw ħafna traġitt bil-vettura tagħhom u fl-istess ħin

m'għandhomx il-problema biex jipparkjaw. L-għotja mill-Gvern Ċentrali se tkun ta' Eur50,000.00.

**Landscaping ta' Triq Sant Rita**

Wara li kmieni matul l-2020 l-Onor Dr Aaron Farrugia kien ta konferenza stampa fir-Rabat fejn ħabbar il-prinċipju tal-Green Walls, l-attenzjoni mill-ewwel intefgħet fejn propju fiċ-ċentru tar-Rabat jeżisti ħajt tal-franka twil konsiderevolment li jista' jservi ta' post addattat biex miegħu jkunu mxebilka xtieli u ħxejjex addattati. 'Il fuq minn dan il-ħajt jeżisti speċi ta' ġnien żgħir li fih saħansitra numru ta' siġar taż-żebbuġ, ħarrub, palm ecc. L-iskop ta' dan l-



iskema se jkun illi f'din iz-zona se jinqalgħġu siġar li xi ħadd xettilhom bi skop tajjeb iżda li m'humiex indiġeni bħal dawk tal-Yukka u jitħawwlu numru ta' xtieli li jixxebilku ħalli jgħattu l-ħajt li jifred Triq Santa Rita minn Triq ir-Rebħa. Għal din l-inizjattiva hemm imwegħdin Eur???? lill-Kunsill Lokali tar-Rabat li wkoll se jħaffer ġiebja biex din tkun riżerva għall-ilma li jinħela għaliex jibqa' nieżel lejn Triq it-Tabija u jintilef meta dan jista' faċilment ikun milqugħ f'riżerva żgħira għal skopijiet ta' tisqija.

**Ġnien Bir Iljun**




Matul l-2020 ħarġet l-offerta pubblika biex ikun ri-kostruwit Ġnien Bir Iljun. Din l-offerta pubblika ħarġet taħt il-kappa tal-GAL Majjistral bl-iskop li jkunu interċettati fondi Ewropej taħt il-programm Green Landscapes. Sfortunatament, din l-offerta pubblika kienet kontestata minn kuntrattur li ħassu aggravat bl-għoti tal-kuntratt lill-kuntrattur ieħor. Dan il-kuntrattur ingħata raġun mill-Public Contracts Review Board fl-appell u kien deċiż minn dan il-bord li terġa' ssir evalwazzjoni tal-offerta pubblika. Kien

maħtur bord b'persuni differenti u dawn ma taw l-offerta lill-ebda' offerent għaliex din ġiet kanċellata. Fi tmiem l-2020, il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien qed iħejji biex jerġa' joħroġ l-offerta pubblika mill-ġdid, iżda issa skada ż-żmien li l-Kunsill kien se jibbenefika minn Eur50,000.00 f'fondi Ewropej u għaldaqstant se jkollna noħorġu l-fondi kollha minn dawk li għandna mfaddla fil-kont tal-Kunsill.

**Pjazza tas-Saqqajja**




Il-Pjazza tas-Saqqajja tinsab ukoll f'telqa minħabba li inqala' l-madum kollu tal-bankini bl-għeruq tas-siġar maturi, inqatgħu l-arbli tad-dawl u fuq kollox jinħass bżonn kbir illi tkun restawrata n-niċċa ta' San Pawl. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat fi tmiem is-sena 2020 kellu diżinn tar-road alignment proposta mill-Perit Charles Buhagiar A & CE bl-iskop illi l-bankini jitwessgħu biex jinħoloq spazju ħalli n-nies igawdu aktar ix-xeni spettakolari tan-nofsinhar ta' Malta. Sadanittant, saru diversi laqgħat speċjalment mal-President u s-Segretarju tas-Soċjetà L'Isle Adam li ta' kull sena jtellgħu kunċert tradizzjonali tal-Imnarja f'dan il-misraħ u bla dubju l-istess road alignment jaffettwa wkoll l-armar tal-planċier li jdoqqu fuqu l-mużiċisti. Se ssir laqgħa wkoll mal-Arċikonfraternità San Ġużepp peress li l-istess niċċa ta' San Pawl taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom.




**Landscaping quddiem il-Knisja l-Ġdida tal-Baħrija**

Proposta oħra li tinsab fuq il-pjanti hija dik biex il-pjazza tal-Baħrija ssir 'il-pjazza tar-raħal'. Dan ifisser illi jkun hemm dak li jissejjeħ lok li fih jiltaqgħu in-nies. Dan l-

ispazju enormi kien iddiżinjat b'tali mod illi jsir jidher bħal taraġ li jwasslek għall-istess knisja miksi kollu bil-pjanti li jixxebilku qisu kaskata – minflok tal-ilma; tal-pjanti. Il-ħolqien ta' bankijiet, postijiet għad-dell tas-siġar u saħansitra l-integrazzjoni ta' post tal-mistrieħ fuq il-garigue ta' wara l-Knisja hu bla dubju mod innovattiv fejn wieħed ikun jista' jħalli lill-uliedu jilgħabu qabel ma jattendu d-dutrina fil-Knisja, jew xi anzjan joqgħod ftit għal kwiet hekk kif joħroġ mill-quddies kmieni filgħodu. Fil-Baħrija qed toktor bil-bosta l-popolazzjoni minħabba l-bini li mtela' kullimkien bih matul dawn l-aħħar żewġ diċenji. Dawn il-familji żgħar bla dubju jkunu jinħtieġu amenitajiet u postijiet fejn iħallu liż-żgħażagħ jimirħu fil-kwiet tal-kampanja tal-Baħrija. Matul l-2020, twassal l-elettriku fil-latrina tal-Baħrija u kienu nstallati wkoll cctv cameras biex ikun sorveljat is-sewqan eċċessiv fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja l-antika tal-Baħrija. Ġew irranġati l-bandli, t-tapit ta' taħthom u dan sewa lill-Kunsill Eur9,085.00

**Ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq il-Kbira**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien imwiegħed mill-Ministeru tat-Turiżmu illi dan jingħata l-ispejjeż kollha tar-restawr tan-niċċa tal-Karmnu. Il-Kunsill ħareġ l-offerta pubblika biex ikun jista' jsir ix-xogħol wara li kien identifikat il-ġebel kollu li jinħtieġ li jinbidel u x-xogħlijiet bir-reqqa biex din in-niċċa terġa' tieħu l-ħajja. Dan kien konfermat mill-Ministru tat-Turiżmu f'konferenza stampa li nżammet fuq is-sit. L-ispiża se tkun ta' [xi]Eur11,795.00 u bla dubju wieħed irid iġib quddiem għajnejh li l-ħajt tan-niċċa hu l-istess lok li fuqu hemm iz-zuntier tal-Parroċċa bi stawa oħra epika antika ta' San Pawl. Għaldaqstant il-valur storiku ta' din in-niċċa hu mwaħħad mal-Parroċċa ta' San Pawl li saret Bażilika matul is-sena 2020 u li għaliha kien hemm festi kbar imħejjija iżda li ma setgħux ikunu gawduti minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19 u l-lock down li kien impost mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.



Community Police



Dan il-proġett kien suċċess għall-ewwel darba fil-lokalità tal-Mellieħa. L-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-Onor Ministru Byron Camilleri estendewh għal diversi lokalitajiet oħrajn fosthom ir-Rabat, l-Imtarfa, Ħad-Dingli u l-Imdina. Il-post minn fejn qed joperaw hu l-Imtarfa. L-iskop tiegħu hu li jkunu aktar pro attivi milli reattivi. Infatti f'dan ir-ritratt jidher pulizija tal-Komunità li salva ħajjet iċ-ċkejna li kienet qed tifga' bl-ikel meta nzerta fuq il-beat għaddej minn quddiem darha.

**Riżenja ta' kunsillier – Dr Karl Muscat**





Fit-28 t'Ottubru 2020 kellna r-riżenja ta' Dr Karl Muscat minn kunsillier. Din kienet aċċettata b'dieqa mis-Sindku u l-kunsillieri għaliex is-Sindku fid-diskors tiegħu iddeskrivih bħala kunsillier li ħadem ħafna għall-ħarsien tal-annimali, li kien id-dekasteru tiegħu. Tant illi l-uniku applikazzjoni li kienet mimlija minnu u mis-Segretajru Eżekuttiv wara laqgħa li kienu attendew għaliha, kienet suċċess u għall-komunita' tar-Rabat hemm imwiegħda diversi inizjattivi mid-dipartiment konċernat. Madankollu, Dr Karl Muscat ħadem ukoll dwar il-problema tal-ħamiem selvaġġ li għandna fir-Rabat fir-rigward biex titqajjem kuxjenza u r-residenti ma jħallulux fejn ibejjed ħalli l-popolazzjoni tiegħu tkun kontrollata b'mod naturali.

Kumitati tal-Kunsill

Fost il-kunsillieri kollha, kien hemm kumitat wieħed li iltaqa' matul l-2020. Dan il-kumitat tal-**Ġestjoni tat-Traffiku** kien iċċerjat mis-Sur Christopher Farrugia. Fost l-affarijiet li wettaq dan il-kumitat kien hemm il-ħolqien ta' aċċessi alternattivi għar-Rabat. Il-membri ta' dan il-kumitat marru huma stess maċ-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv fuq diversi siti biex jaraw b'għajnejhom u jesperjenza huma stess l-andament tat-traffiku u fejn kien hemm allegat diffikultà. F'ċirkustanza mhux tas-soltu, dan il-kumitat laqa' fi ħdanu wkoll lill-kunsillieri ieħrajn fosthom lil Dr Karl Muscat propju fit-22 ta' Frar 2020 biex kienet diskussa s-sigurta' tal-pedestrians u x-xufiera fi Triq il-Kulleġġ fejn kien irrappurtat veloċità minn xi sewwieqa fejn kien proposti diversi miżuri biex jikkalmaw it-traffiku qrib skola tat-tfal żgħar. Il-Kumitat qabel illi ma jsirux aktar sleeping policemen fl-abitat filwaqt li jara li aktar hu addattat cctv milli affarijiet oħra. Infatti issemmew ukoll tabelli li juru l-multi u kien suġġerit illi titwaħħal LED panel biex jekk tgħaddi b'aktar minn p.eż 25km/hr (fil-built-up area) din tibda' tixhel awtomatikament.

---

[i] Ref: 13315-13320 Eur6,300; Ref: 13064 Eur80; Ref:13532 Eur1,795.23
[ii] Ref: 13449 Eur950.00; Ref: 13455 Eur5,885.00;
[iii] Ref: 13401 Eur200.00
[iv] Ref: 12684 Eur335; Ref: 13670 Eur315
[v] Bonnici Bros bill dt 9.12.19; Eur13,531.27 as non eligible from EAFRD funding
[vi] Med Design interim certification dt 29/9/20 for Eur790,805.87 & interim certification dt 4.12.20 for Eur239,144.51
[vii] Ref: 13328 Eur233,340; Ref: 13329 Eur20,189; Ref: 13230 Eur10,271; Ref: 13231 Eur233,340; Ref: 13232 Eur20,189; Ref: 13026 Eur233,340; Ref: 13025 Eur20,189; Ref: 13027 Eur3,953; Ref: 12854 Eur20,189; Ref: 12783 Eur20,189;
[viii] Ref: 13446 Eur5,850; Ref: 13450 Eur2,200; Ref: 13451 Eur860; Ref: 13452 Eur5,910; Ref: 13460 Eur 5,800; Ref: 13478 Eur850; Ref: 13479 Eur5,950; Ref: 13360 Eur5,900; Ref: 13365 Eur1650; Ref: 13223 Eur390
[ix] Ref: 13632 Eur8,870
[x] Ref: 13380 Eur3,490; Ref: 13381 Eur1780; Ref: 13402 Eur3630; Ref: 13072 Eur185
[xi] RLC/50/190/2020 Conclusion of Call for Tenders Evaluation Report " The Evaluation Committee recommends that this tender is awarded to Agius Stone Works Ltd for the amount of €9,998.90, all exclusive of VAT, this being the cheapest compliance offer."

**Rabat Local Council**

**Annual Administrative Report 2020**

Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | | |
| Funds received from central government | 1,576,410 | 1,239,049 |
| Income raised under Local Enforcement System | 3,133 | 4,667 |
| General Income | 39,571 | 36,168 |
| Income from Bye-Laws | 1,801 | 4,037 |
| | 1,620,915 | 1,283,921 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 180,197 | 150,052 |
| Operations and Maintenance | 746,503 | 915,310 |
| Administrative and other Expenditure | 813,262 | 347,529 |
| | 1,739,962 | 1,412,891 |
| **Operating (loss) for the year** | -119,047 | -128,970 |
| Investment Income | 2,561 | 3,992 |
| **(Loss) for the year** | -116,486 | -124,978 |
| **Total Comprehensive (expenditure) for the year** | -116,486 | -124,978 |

Rabat Local Council

Annual Administrative Report 2020

| Personal Emoluments | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Mayor's allowance | 15,027 | 13,965 |
| Executive Secretary and allowance | 36,311 | 36,231 |
| Employees' Salaries | 95,477 | 75,299 |
| Social Security Contributions | 10,852 | 9,019 |
| Councillors' remuneration | 22,530 | 15,538 |
| | 180,197 | 150,052 |

## Operations and Maintenance

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **Repairs and Upkeep** | € | € |
| Road and street pavements (patching works) | 149,556 | 353,170 |
| Repair plant and equipment | 69,147 | 62,616 |
| Sundry Repairs | 5,140 | 17,715 |
| | 223,843 | 433,501 |

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **Contractual Services** | € | € |
| Refuse Collection (including bins on wheels) | 169,692 | 197,484 |
| Waste Disposal | 104,043 | 100,475 |
| Bulky Refuse collection (including open skips) | 10,988 | 11,404 |
| Road and street cleaning | 120,033 | 62,780 |
| Other Contractual Services | 41,738 | 39,407 |
| Cleaning and maintenance of Non-Urban Roads | 27,856 | 30,671 |
| Cleaning and maintenance of Parks and Gardens | 16,275 | 19,606 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 32,035 | 19,982 |
| | 522,660 | 481,809 |

| | | |
|---|---|---|
| **TOTAL** | **746,503** | **915,310** |

**Rabat Local Council**

**Annual Administrative Report 2020**

**Administrative and other expenditure**

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Utilities | 8,190 | 2,114 |
| Other repairs and upkeeps | 9,924 | 4,235 |
| Rent | 39,509 | 3,696 |
| National and International memberships | 86 | 1,460 |
| Office Services | 9,017 | 12,210 |
| Transport | 16,453 | 10,056 |
| Travel | 0 | 468 |
| Staff Training | 560 | 450 |
| Information Services | 7,404 | 6,461 |
| Other Contractual Services | 15,467 | 9,670 |
| Professional Services | 117,108 | 37,936 |
| Community and Hospitality | 51,386 | 53,197 |
| Social Events | 1,066 | 5,888 |
| Uniforms | 3,372 | 3,165 |
| LES related expenses | 82 | 54 |
| Bank interest and charges | 1,926 | 621 |
| Depreciation | 531,424 | 196,305 |
| Amortisation Charge | 254 | 346 |
| Loss on Disposal | 34 | 0 |
| Provision for Bad Debts | 0 | -943 |
| Bad debts written off | 0 | 90 |
| Penalties | 0 | 50 |
| **Total** | **813,262** | **347,529** |

**Rabat Local Council**

**Annual Administrative Report 2020**

| **Fixed Assets Additions** | **2020** |
|---|---|
| | **€** |
| Office Furniture and Fittings | 2,545 |
| Office Equipment | 11,624 |
| Plant and Machinery | 1,746 |
| Urban Improvements | 382,027 |
| Computer Equipment | 10,641 |
| Special Programmes | 528,283 |
| Assets not yet capitalized | 62,796 |
| TOTAL | **999,662** |